

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

21.4.2009

0050/2009

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Kathy Sinnott, Anna Záborská, Marian Harkin u Marie Panayotopoulos-Cassiotou

dwar l-ammissjoni ta' dawk li jagħtu kura fis-sistemi ta' assigurazzjoni soċjali

Data ta' skadenza: 7.5.2009

0050/2009

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-ammissjoni ta' dawk li jagħtu kura fis-sistemi ta' assigurazzjoni soċjali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra il-Green Paper "Quddiem it-tibdiliet demografiċi, solidarjetà għda bejn il-ġenerazzjonijiet",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi dawk li jagħtu kura huma l-akbar grupp ta' ħaddiema fl-UE peress li jipprovdu kura mhux imħallsa għall-morda, ix-xjuħ, dawk b'diżabilitajiet u t-tfal,
- B. billi dawk li jagħtu l-kura huma ta' spiss sottovalutati u esklużi mill-biċċa l-kbira tal-liġijiet u l-politiki Ewropej, partikolarment il-leġiżlazzjoni dwar l-impjegi, minkejja l-kompetenza tal-UE f'dan il-qasam,
- C. billi dawk li jagħtu kura huma importanti biex tiġi mmaniġġjata Ewropa li qed tixji f'dak li għandu x'jaqsam mas-sodisfazzjon tal-bżonnjiet taċ-ċittadini aktar anzjani u mal-istabilizzar tar-rati ta' twelid li qed jonqsu drastikament,
1. Jistieden lill-Istati Membri biex iħallu lil dawk li jagħtu kura jidħlu fis-sistemi tagħhom ta' assigurazzjoni soċjali;
 2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi lil dawk li jagħtu kura bħala ħaddiema u biex, meta tagħmel dan, tinkludihom fil-leġiżlazzjoni dwar l-impjegi u l-pensjonijiet sabiex jirċievu r-remunerazzjoni, il-protezzjoni u l-benefiċċji li jixirquhom;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.